**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 4**

**It-Tlieta, 27 ta' Settembru 2022**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil- Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.20 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 3, li saret fl-1 ta' Awwissu 2022, kienu kkonfermati.

L-Onor Karol Aquilina innota li fil-korrispondenza li l-Kumitat kien irċieva mingħand il-Ministru kkonċernat fir-rigward tan-nomina li l-Kumitat kellu quddiemu għal din il-laqgħa, ma kien hemm l-ebda informazzjoni dwar il-kondotta u l-imġiba tan-nominat. Peress li fl-ittra ma kienx ċar biżżejjed dak li l-Kumitat talab f'laqgħat preċedenti, l-Onor. Aquilina ppropona li jiġi fformolat abbozz ta' dak li l-Kumitat qabel li għandu jitlob fir-rigward tan-nominati bies jintbagħat lill-Ministri kollha u b'hekk ikun hemm stabbilit standard li bih jista' jimxi l-Kumitat.

L-Onor. Aquilina ppropona wkoll li jista' jipprovdi hu stess l-abbozz imsemmi.

Il-Kumitat qabel ma' din il-proposta.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' PROF. JOHN P. PORTELLI GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-EDUKAZZJONI AVVANZATA U GĦOLJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, datata 6 ta' Settembru 2022, dwar in-

nomina ta' Prof. John P. Portelli bħala Chairman tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja.

Il-Kumitat stieden lil Prof. John P. Portelli sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Prof. Portelli bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Prof. John P. Portelli daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Prof. Portelli li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Prof. John P. Portelli ta rendikont tal-karriera tiegħu fis-settur akkademiku, kif ukoll bħala membru f'numru ta' bordijiet tal-edukazzjoni f'Malta kif ukoll fil-Kanada. Huwa elenka l-esperjenza tiegħu tul is-snin f'numru ta' universitajiet fil-Kanada, fosthom il-McGill University, l-Università ta' Toronto, fejn kien Lettur, Professur, u issa Professur Emeritu mal-istess Università.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Karol Aquilina beda bil-kumment li l-kariga ta' Chairperson tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja hija waħda pubblika li min jokkupaha jrid ikun lest għal kull skrutinju u li jkun qed jieħu deċiżjonijiet li jesiġu ċerta kritika. Fid-dawl ta' dan staqsa dwar il-proċess ta' akkreditazzjoni tal-American University of Malta (AUM) u jekk kienx hemm xi nuqqasijiet li setgħu wasslu biex l-AUM ma tiġix akkreditata bħall-universitajiet kollha f'Malta. Huwa staqsa wkoll lil Prof. Portelli x'kienu ser ikunu l-irwol u l-impenn tiegħu f'dan il-proċess. Prof. Portelli spjega kif kien Membru tal-Bord sal-2017 u kien Chairperson tal-Quality Assurance Committee f'dak iż-żmien u spjega x-xogħol li sar u l-proċeduri tas-sottokumitati sabiex jiġu eżegwiti r-rekwiżiti kollha sabiex jintlaħqu standards meħtieġa sabiex l-Università tkun ta' standard. Prof Portelli spjega kif kull università għandha l-istandards tagħha, u mhu ser ikun hemm l-ebda eċċezzjoni sabiex dawn jintlaħqu.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa lil Prof. Portelli jekk jixtieqx jaqsam mal-Kumitat xi okkażjoni, jew xi ħaġa li ġrat fil-karriera tiegħu li fil-futur tista' timbarazza lilu, lill-Ministru kkonċernat jew lill-Kumitat. Prof. Portelli wieġeb fin-negattiv u qal li hu dejjem mexa b'mod onest.

Id-diskussjoni ssoktat dwar il-liċenzjar tal-AUM, il-kundizzjonijiet li kellhom jintlaħqu sabiex tiġi liċenzjata u kif twettaq l-iskop tal-għanijiet tagħha fi żmien stipulat. Ġie diskuss ukoll li kull università jkollha l-viżjoni tagħha u li bis-saħħa ta' programme audits jiġi żgurat li dawn il-pjanijiet u viżjonijiet jintlaħqu bi quality assurance checks fid-deadlines li jingħataw.

Il-Kumitat iddiskuta wkoll ma' Prof. Portelli l-proċess tal-assessjar tal-istudenti Maltin, u kif jista' jinbidel il-proċess tal-eżamijiet f'Malta. Prof. Portelli spjega kif l-eżamijiet mhumiex l-uniku mod ta' evalwazzjoni ta' tagħlim, li kulma jmur jinħass iktar bħala penitenza, iżda l-edukazzjoni f'Malta tista' timraħ b'modi oħra ta' assessjar, fosthom preżentazzjoni ta' proġetti, u xogħol mal-komunità, fost oħrajn.

Fil-5.20 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Prof. John P. Portelli u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Prof. John P. Portelli irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.21 p.m. il-laqgħa ġiet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fil-5.23 p.m.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Prof. John P. Portelli bħala Chairman tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.25 p.m. il-Kumitat stieden lil Prof. John P. Portelli biex jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Prof. John P. Portelli daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairman tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, Żgħażagħ u Riċerka Clifton Grima.

Fil-5.26 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**